- *KOLLIZZJONI* –
- *BDIL TA' KARREGJATA* -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 33**
**Citazzjoni Numru: 2127/95/RCP**

**Fogg Limited u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta` estera Avon Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Reverndu Raphael Gauci abbasi tal-ligi u tal-polza ta' assigurazzjoni u l-istess Reverendu Gauci**

**vs**

**Martin Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi waqt li id-*driver* tal-assigurat tal-attur nomine Ir-Reverendu Raphael Gauci kien qed isuq il-vettura tieghu numru 0-5225 miexi minn St Lucia Avenue fil-*lane* tieghu huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura misjuqa mill-konvenut numru F-1201 meta din il-vettura f'daqqa wahda bdiet hierga mill-*lane* taghha u baqghet diehla fil-vettura tal-assigurat tal--attur nomine u b'imperizja, negligenza, traskuraggini u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sewqan il-vettura tal-attur sofriet danni.

2. Illi l-attur nomine abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li ghandu mal-assigurat tieghu ikkompensah tal-hsarat li dan sofra fl-istess vettura u ghalhekk huwa surrogat fid-drittijiet tieghu abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.

3. Illi meta il-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-attur dan ma ghamel assolutament xejn anzi allega li dan l-incident gara tort tal-assigurat tal-attur

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex (1) tiddikkjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, traskuraggini, imperizja mprudenza, non-

curanza da parte tieghu, (2) tillikwida id-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, (3) tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in liena ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra legali kontra il-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 10 tal-process;

Rat il-verbali tat-2 ta' Lulju, 1996, tas-7 ta' Novembru 1996, u tat-3 ta' Dicembru 1996.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Martin Vella tas-6 ta' Frar 1997 fejn gie eccepit:

1) Preliminarjament l-azzjoni tal-attur Reverendu Raphael Gauci hija nulla stante li ma hiex akkompanjata bid-dikjarazzjoni guramentata tal-istess Reverendu Gauci kif rikjest mill-ligi;

2) Minghajr pregudizzju ghal premess u fil-meritu, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom, billi l-kollizzjoni in

kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort tas-sewwieq tal-karrozza tal-assigurat Reverendu Gauci kif jigi prutvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni.;

3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 23 tal-process;

Rat il-verbali tad-19 ta' Frar 1997, tad-29 ta' April 1997, tat-12 ta' Jannar 1998 fejn Dr Borg Bartolo ghall-konvenut iddikjara li qed jirtira l-ewwel eccezzjoni, dik tan-nullita`; tat-3 ta' Gunju 1998 fejn xehed Francis Ebejer; tat-22 ta' Jannar 1999, tat-13 t'Ottubru 1999 fejn xehed Anthony Savona u Dr Schembri iddikjara li s-socjeta` attrici fadlilha xhud wiehed cioe` lis-Surgent li nvestiga l-kaz; tas-6 ta' Marzu 2000 fejn xehed PS 719 John Portelli; tat-3 ta' Mejju 2000; tal-4 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta; tat-2 ta' Novembru 2000; tal-21 ta' Frar 2001 u tat-2 ta' Mejju 2001 fejn Dr Depasquale esebixxa nota b'dokument. Il-konvenut Martin Vella msejjah tlett darbiet baqa' ma deherx. Dr Vella ghall-konvenut talab li jinghata l-ahhar differiment biex iressaq il-provi tieghu. Il-Qorti cahdet it-talba stante li din kienet almenu it-tieni darba li l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut. Id-difensuri trattaw il-kaz. Peress li l-kawza kienet ghall-provi kollha tal-konvenut li baqa' ma deherx, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li gara fit-18 ta' Mejju 1994 f'Santa Lucia Avenue, Paola fejn l-atturi qed jallegaw li waqt li kienu mexjin fuq il-*lane* ta' barra fl-istess Triq ghad-direzzjoni tal-Marsa huma gew milquta minn *truck* Reg No F-1201 misjuq mill-konvenut li kien miexi fuq il-*lane* tan-naha ta' gewwa izda f'mument minnhom hareg mill-*lane* tieghu u laqat lill-vettura assigurata mas-socjeta` attrici fuq il-genb taghha tax-xellug.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju illi z-zewg vetturi involuti f'dan l-incident kienu mexjin fl-istess direzzjoni fl-istess triq imsemmija meta sar l-impatt bejniethom meta gew hdejn xulxin.

Illi ovvjament sabiex sar dan l-impatt f'zewg karozzi li kienu mexjin hdejn xulxin fuq il-*lane*s rispettivi necessarjament li wahda minnhom qabzet il-*lane* taghha u dahlet fil-karregjata tal-vettura l-ohra u b'hekk sar l-impatt indikat u ghalhekk huwa ghaldaqstant ovvju li r-responsabilita` ta' dan l-incident ghandha tigi determinata u solvuta hekk kif

jigi stabbilit liema vettura qabzet hekk il-karregjata taghha u marret bla ebda sinjal u prekawzjoni ohra fuq il-*lane* l-ohra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li b'affidavit ta' certu **Orenzio Gauci**, mahluf fit-2 ta' Mejju 1995 u esebit a fol 38 tal-process li kien passiggier fil-vettura assigurata mas-socjeta` attrici illi huwa kkonferma bil-gurament tieghu li fl-ebda mument il-vettura misjuqa mir-Reverendu Raphael Gauci ma marret minn fuq il-karregjata taghha ghal fuq l-*inner lane* tant li fil-mument tal-impatt huwa sostna li ra bhal sur gej ghal fuqu u dan ovvjament b'referenza ghat-*truck* tar-*ready mix* misjuq mill-istess konvenut.

Illi min-naha l-ohra mill-okkorrenza jirrizulta illi l-konvenut lanqas biss induna li kien sar l-incident ovvjament ukoll minhabba l-kobor tat-*truck* li kien qieghed isuq u dan relatat mal-karozza misjuqa mill-assigurat tas-socjeta` attrici, fejn hemm differenza kbira bejn il-piz tal-istess vetturi. Ovvjament dan juri bic-car li l-istess konvenut wera nuqqas ta' attenzjoni stante li lanqas kien konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru u ma kienx qieghed izomm *proper look-out*.

Illi jigi rilevat taht dan l-aspett illi l-konvenut inghata minn din il-Qorti kif presjeduta zewg seduti sabiex huwa jressaq ix-xhieda tieghu izda fl-ebda wahda huwa m'ghamel dan u lanqas biss kien prezenti ghall-ebda seduta.

Illi fl-isfond ta' dan kollu l-unika prova li din il-Qorti ghandha dwar l-incident *de quo* hija proprju ix-xhieda tal-imsemmi

Orenzio Gauci li bl-iktar mod kategoriku spjega li l-vettura misjuqa mill-assigurat tas-socjeta` attrici fl-ebda mod ma harget mill-*lane* taghha u dan iwassal ghall-konkluzzjoni unika fic-cirkostanzi tal-kaz illi kien it-*truck* misjuq mill-konvenut li minghajr mal-konvenut induna qabez il-karregjata tieghu b'mod li tkaxkar mal-genb tax-xellug tal-vettura misjuqa mir-Reverendu Raphael Gauci u li dan fih innifsu jimporta negligenza w imprudenza da parte tal-istess konvenut u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo*.

Illi dan qed jinghad peress li huwa principju sabbilit li sewwieq f'investiment tal-vettura tieghu ghandu jiehu l-prekawzjonijiet necessarji qabel ma jaqsam jew jidhol minn karregjata ghall-ohra u dan jinkludi li l-ewwel jesplora jekk ikunx gej traffiku fuq il-karregjata l-ohra u li jaqsam ghall-istess jew jidhol fl-istess karregjata biss wara li jassigura ruhu li mhux ha jikser il-*flow of traffic* fuq l-istess u jaghti tempestivament l-indikazzjoni jew sinjal ghal din il-manuvra tieghu. Il-konvenut ma jirrizulta li ghamel xejn minn dan, anzi lanqas biss induna li ser isir l-impatt hlief wara li sar l-istess impatt bil-hoss tal-istess.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. <u>LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>

Illi mid-dokument 'A' a fol 4 tal-process jirrizulta li s-socjeta` attrici hallset lill-assigurat taghha l-ammont ta' Lm425.61

bhala danni u dan jirrizulta ikkorroborat bil-prospett ta' hsarat mahrug mis-socjeta` Meridian Enterprises Company Limited datat 21 ta' Gunju 1994 li jinsab esebit a fol 10 tal-process.

Illi dan jaqbel ukoll mas-*survey report* li jinsab esebit bhala Dok 'C' a fol 8 tal-process, hlief ghall-valur tal-i*spare parts* li skond ix-xhieda ta' Anthony Savona tat-13 t'Ottubru 1999 huwa rifless fl-imsemmi kont mahrug mis-socjeta` fuq indikata stante li fis-*survey* il-valur ta' l-i*spare parts* jigi ndikat biss bhala valur approssimattiv ghaliex is-*Surveyor* ma jkunx ivverifika il-valur reali tal-istess *parts* fil-mument li jkunu gew mixtija jew utilizzati.

Illi peress li jirrizulta li l-ammont ta' hsarat huwa ragonevoli u bbazat fuq il-hsarat sofferti fl-imsemmija karozza bid-dokumenti fuq indikati u fir-ritratt ta' l-istess hsarat esebit bhala dokument FGC1 a fol 46 tal-process, u press li l-istess danni ma jirrizultax li huma kkontestati, din il-Qorti tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' erba' mija hamsa u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm425.61).

## <u>IV. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. tiddikjara li din il-kollizzjoni tat-18 ta' Mejju 1994 f'Santa Lucija Avenue Paola, grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, traskuraggini, imperizja mprudenza u non-curanza da parte tieghu.

2. tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' erba' mija hamsa u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm425.61).

3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija hamsa u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm425.61) hekk likwidata in linea ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra legali kontra il-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Mejju 2001.**